MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 309/2008

Joseph **BUTTIĠIEĠ,** f'ismu u għan-nom ta' l-assenti Rose armla ta' Anthony Farrugia, Emanuela Buttiġieġ armla ta' Vincent, Sylvia mart Joseph Scicluna u Lucia mart Raymond Aġius.

**vs.**

Mary **SCIBERRAS** li b'degriet tas-17 ta' April, 2008, inħatret Kuratriċi Deputata biex tidher għall-wirt battal ta' George David Richard Murphy.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-1 ta' April, 2008, li bih l-atturi, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tiddikjara li 1) għala din l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiddikjara li l-fond f'Baħar iċ-Ċagħaq limiti tal-Għargħur, York Street, qabel in-numru 47, qabel numru 7, magħruf bħala "Solabella" u qabel "Anglia" mibjugħ minn Paul Palmier illum mejjet, u dan b'kuntratt fl-

atti tan-Nutar Antonio Carbonaro tal-21 ta' Settembru, 1973. Kien unikament ta' Vincent Buttiġieġ u l-armla tiegħu ad esklużjoni ta' kull persuna oħra, u li llum l-istess fond wara l-mewt ta' Vincent Buttiġieġ iddevolva fuq l-eredi tiegħu, l-atturi odjerni flimkien ma' l-armla tiegħu. 2) taħtar Nutar u kuratur għall-kontumaċi ħalli jirreġistra l-att korretorju relattiv. Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Rat l-atti kollha għall-ħatra ta' Kuraturi Deputati biex jidhru għall-wirt battal ta' George Murphy;

Rat in-Nota mressqa minn Mary Sciberras fl-10 ta' April, 2008[1], li bih għall-finijiet ta' l-art 807 tal-Kap 12, aċċettat il-bandu biex tidher għall-imsemmi wirt battal;

Rat in-nota mressqa fit-13 ta' Mejju, 2008[2], mill-imsemmija Mary Sciberras li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammisjoni tal-konvenuta, it-talbiet dedotta fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Fuq ammisjoni tal-Konvenuta tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi** u tiddikjara li l-fond bl-isem ta' "Solabella" u qabel "Anglia", f'numru sebgħa u erbgħin (47), qabel numru sebgħa (7), Triq York, Baħar iċ-Ċagħak, limiti ta' Ħal Għargħur kien unikament ta' Vincent Buttiġieġ u ta' l-attriċi Emanuela Buttiġieġ, u li sehem l-imsemmi Vincent Buttiġieġ mill-imsemmi post għadda fuq isem uliedu, l-atturi l-oħrajn, wara l-mewt tiegħu;

2) **Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna li ssir il-pubblikazzjoni ta' att nutarili biex jirreġistra l-fatt li hawn fuq imsemmi b'att korrettorju tal-kuntratt ta' bejgħ tal-21 ta' Settembru, 1973, fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro, li bih Paul Palmier kien biegħ l-imsemmi fond lill-imsemmija Vincent Buttiġieġ u George David Richard Murphy;

[1] Paġ 24 tal-Proċess
[2] Paġ 29 tal-Proċess

3) Għall-finijiet tat-tieni talba, **taħtar** lin-Nutar Lorraine Pulis biex taħt il-ministeru tagħha tippublika l-imsemmi att korretorju fil-jum, ħin u post li din il-Qorti tiffissa wara talba li ssirilha mqar b'rikors, wara li jkunu saru l-pratiki kollha meħtieġa ma' l-awtoritajiet kompetenti biex jiġi ppublikat l-istess att korrettorju, taħtar ukoll lill-Avukat Claudio Żammit biex jidher fuq l-imsemmi att f'isem dawk li jonqsu li jidhru.

Fiċ-ċirkostanzi, l-atturi għandhom iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża** u dawk marbuta mal-pubblikazzjoni ta' l-att korrettorju.
**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------